MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2011

Numru 1151/2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ Maltija numru 44398A u nakkuzah talli flimkien ma zewg persuni ohra, nhar l-14 t’Ottubru, 2011, f’xi hin bejn id-9.15 a.m. u l-10.30a.m., mill-fond Romance, Triq Hal Resqun Gudja:

1. Ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, konsistenti f’gojjellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-koppja Etienne u Ritianne Caruana u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

2. volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax il-Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€ 116.47) izda iktar minn tlieta u ghoxrin Ewro

u disgha w ghoxrin centezmu (€ 23.29) ai terminu ta' L-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Etienne u Ritanne Caruana u/jew ta' persuna/i ohra;

3. Fl- 14 t'Ottubru, 2011,u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, meta l-indirizz fuq il-karta ta'identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort' ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill- ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

4. Fl-ahharnett, nakkuzzah ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta'  l-Artikoli 49,50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew  misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistaghux jigu mibdula.

Semghet lil- imputat jammetti l-abbuzi fl-liema ammissjoni insista fuqa anke wara li l-Qorti tahtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u  d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tirreferi, fl-ewwel lok, ghal serq kwalifikat bil- vjolenza, mezz, valur u lok. Hu akkuzat wkoll bi hsara volontarja, b'recidiva u li m'ghamilx id-debita korrezzjoni fil-karta ta' l-identita' tieghu.

Issa l-Qorti konxja li l-imputat ghandu precedenti li jinvolvu anke s-serq. Mandankollu hi tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat taht supervizjoni ta' ufficjal tal-probation biex jelimina darba ghal dejjem id-dipendenza tieghu fuq id-

droga, kif irrisulta waqt it-trattazzjoni, bil-kundizzjoni specifika li perjodikament jsirilu testijiet tad-demm jew urina u jsofri l-konsegwenzi jekk ma jottemperax skrupolozament mal-ordni.

Rat l-Artikolu 261 (a) (b) (c) (e), 262 (b), 263 (a), 264 (i), 267, 269 (g), 276, 279 (b), 280 (2), 31, 17 u 325 (i) (c) tal-Kap 9 u l-Artikolu 9 u 14 (i) tal-Kap 258, issib l-imputat hati, u tpoggib taht ordni ta' probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------